# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 6 ta' Frar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**
**vs**
**Faye Abanozzo**

**Drogi Numru 265/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Faye Albanozzo u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 417580 (M).

Akkuzata talli nhar il-25 ta' Gunju, 2019 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni li jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma' kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma' kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma' kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma' kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga imsemmija u minghajr ma' kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar tall nhar il-25 ta' Gunju, 2019 u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer

2. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma' kinietx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma' kinietx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma' kinietx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussessegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Kellha fil-pussess taghha l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukeat Generali a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-ewwel imputazzjoni hija wahda ta' *trafficking by sharing.*

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokuementi esebieti.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta

ta'l-imputata. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li dan huwa kaz ta' *trafficking by sharing* u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li l-artikoli 8(d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u fil-waqt li tikkundannaha **multa ta' hames mitt Euro (€500),** b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.** Il-multa ghandha tithasllas f'pagamenti mensieli ta' hamsin Euro (€50) b'l-ewwel pagament dovut f'l-1 ta' Marzu 2020.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti wissiet lill-imputata ukoll illi id-disposizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw fil-konfront taghha ghal darba wahda biss.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**